# L-Għar ta' Galipsu

*Kitba ta'* ***Victor John Galea***

Patrick Brydone, vjaġġatur Ingliż li ġie Malta fl-1770 fi żmien is-sultan Pinto (1741 - 1773) fettillu jara l-Għar ta' Galipsu mill-baħar. Meta ma ra xejn ħlief blat, tgħidx kemm qered u qal li Omeru, li tkellem fuq dan l-għar fl-Odissea, storja li teħodna lura aktar minn tlett' elef sena, ħoloq kollox minn żniedu. Mill-banda l-oħra Ernie Bradford, li jien niftakru sew f'lukanda l-Belt u f'oħra x-Xlendi b'dik it-tazza enormi tal-*brandy* quddiemu, tant kien jemmen fil-vjaġġi ta' Ulisse, li wasal biex qal li Omeru kellu portulan f'idejh jew f'moħħu hu u jikteb l-Odissea. Bradford baħħar f'kull post fejn kien jemmen li mar Ulisse, fosthom Malta u ħareġ ktieb fuq hekk fl-1963. Biss, filwaqt li Brydone kien iżomm lil Għawdex bħala l-gżira ta' Kalipso, Bradford ma riedx jagħżel bejn Malta u Għawdex.

Li Ulisse ġie Għawdex, mhix xi qlajja ta' l-istoriċi Maltin, bħal ngħidu aħna l-patri Ġlormu Manduca (1573 - 1643), jew Ġann Franġisk Abela fid-Deskrizzjoni ta' Malta li ħareġ fl-1647, imma kien twemmin ġej mill-inqas minn żmien il-poeta Grieg Kallimaku (310 - 240 Q.K.) li kien il-bibblijotekarju tal-librerija famuża ta' Lixandra fejn kien hemm ġabra tal-kotba kollha li setgħu jinkisbu dak iż-żmien. Dan qal li l-gżejra ta' Kalipso mhix ħlief Għawdex (Gaudos). B'xorti tajba, Kallimaku, bħall-istoriku Polibju (ċ.200 - 120 Q.K.) u oħrajn kienu jżommu li l-Odissea hi r-rakkont tat-tbaħħir ta' Ulisse max-xtajta ta' Sqallija u l-gżejjer ta' madwarha. Għalhekk l-Għawdex ta' Kallimaku hu Għawdex ta' Malta, il-*Gaudomelete* ta' żmien il-Biżantini, u mhux Għawdex ta' Kreta, il-Kawda ta' l-Atti ta' l-Appostli u l-*Gozo di Creta* tal-portulani medjevali, li llum jgħidulu Gaudos.

Huwa minnu li kien hemm min jgħid li Ulisse ħareġ ibaħħar fl-Atlantiku, Oċjan li dak iż-żmien ma kienx magħruf u kien iwerwer lill-baħrin sa meta Kristofru Kolombu sab l-Amerika fl-1492. Il-ġeografu Strabun (ċ.64 Q.K. - ċ.21 W.K.) kien iħoss li dik li Ulisse baħħar madwar Sqallija aktar iddoqq għax min bħal Apollodoru (ċ.180 Q.K.) kien jgħid xort'oħra spiċċa biex ma qalilniex fejn mar.

Tant kien qawwi t-twemmin li l-gżira ta' Kalipso kienet Għawdex li l-istoriku Pawlu Orozju li għex ħabta tas-snin 378 u 417 W.K., li fil-mappa li pinġa tad-dinja magħrufa dak iż-żmien fl-istorja tiegħu, flok niżżel lil Malta u 'l Għawdex bejn Sqallija u l-Libja, faqqa biċċa ta' *Calypso Insula*, il-gżira ta' Kalipso, daqshiex. Hawnhekk tajjeb ngħid li s-seba' kotba ta' l-*Istorja Kontra l-Pagani*, li jaslu sas-sena 417 W.K., kienu jservu ta' test għat-tagħlim ta' l-istorja universali matul il-medju evu u għalhekk it-twemmin mhux biss baqa' ħaj matul is-snin li ġew wara, imma baqa' ħaj imxerred ma l-Ewropa kollha għal iktar minn elf sena wara.

Biss jien nemmen li flok tara x'qal dak u x'qal l-ieħor, tajjeb tħalli f'idejn l-awtur Omeru stess u tgħarbel bir-reqqa x'kiteb dan, l-eqdem poeta Grieg. Omeru jiftaħ l-Odissea f'nofs il-ġrajja b'laqgħa ta' l-allat Griegi fuq il-muntanja Olimpu. Atena tgħid lil Ġove li Ulisse qed inin fuq gżira fiż-żokra tal-baħar, gżira mimlija siġar fejn tgħix Dea bint is-saħħar Atlante, li ma jixtieq ġid lil ħadd. Mela l-gżira kienet qiegħda f'nofs il-baħar li kienu jafu l-Griegi, voldieri l-Mediterran. Issa l-ewwel ħaġa li nitgħallmu fuq il-bank ta' l-iskola hi li l-gżejjer Maltin qegħdin sewwa sew f'nofs il-Mediterran.

Omeru jiftaħ jgħid ukoll li qabel ma Ulisse sab ruħu Oġiġja, il-gżira ta' Kalipso, kien qiegħed fuq ix-xini sejjer mill-inħawi ta' Taormina, Sqallija, lejn Itaka, waħda mill-gżejjer Jonji. Tempesta qalila farrkitlu l-bastiment u qatlitlu l-baħrin li kien fadallu. Kif kien jgħum qalb it-tifrik tal-mirkeb, qabad ma' l-arblu tax-xini u rabtu b'ħabel tal-ġild mal-prim, dak iz-zokk li jkun hemm matul il-qiegħ tal-bastiment. Ir-riħ isfel ġarru lejn il-Far ta' Messina, fejn kien hemm Xilla u Kariddi, il-biża' tal-baħrin tal-qedem, blata u milgħuba mpinġija bħala żewġ mostri. Ulisse ħeles minn dan l-ixkiel billi żamm ma' zokk ta' bajtrija, reġa ntrabat ma' l-arblu u l-prim u ntelaq mal-kurrent, li wara disat' ijiem miexi qajla qajla, mal-lejl ta' l-għaxar jum, sab ruħu mixħut fuq il-gżira ta' Oġiġja.

Jien naf min, billi jissemma r-riħ isfel, lil Ulisse ħadu fil-gżejjer ta' Lipari fil-baħar Tirren, 'l fuq minn Sqallija. Imma dawn il-gżejjer m'humiex fiż-żokra tal-Mediterran. Minn Lipari l-anqas tista' tibqa' sejjer dritt lejn Itaka u żżomm l-Istilla Polari fuq ix-xellug kif għamel Ulisse minn Oġiġja, għax kieku għamel hekk, kien jitfarrak fuq ix-xtajta tal-Kalabrija. Barra minn hekk, kien irid jerġa' jgħaddi mill-Far ta' Messina, fejn biex jaħrab minn Xilla, kien irid bilfors jispiċċa fil-milgħuba ta' Kariddi li kienet tiblagħlu ċ-ċattra u tobżoqhielu frak. Ma ġarax għax Ulisse baqa sejjer qabż ħadid sal-gżejjer Jonji.

U Ernie Bradford, fil-ktieb tiegħu *Ulysses Found*, jgħid li hemm

kurrent li jinżel max-xatt tal-Lvant ta' Sqallija. Iżid li kien dan il-kurrent li wassal lil Ulisse Oġiġja, iż-żokra tal-baħar, wara disat' ijiem, basta kienu ġranet ta' kalma.

Barra minn hekk, nafu wkoll li fi żmieni min telaq bil-għum minn Sqallija l-ewwel li laħaq kien Għawdex, għax il-gżejjer Maltin qegħdin mifruxa mill-Majjistral għax-Xlokk, b'Ras ir-Reqqa l-eqreb lejn Sqallija, u b'Marsaxlokk l-ibgħad. Għalhekk il-probabilità hija li min jinżel mal-kurrent minn Sqallija l-ewwel li jilħaq hu x-xatt ta' Għawdex.

Niftakar li l-aħħar wieħed li għam minn Sqallija għal Malta, ftit ħallewh jiġbed għal Malta u jtawwal aktar; daħħluh l-ewwel art lejn ix-Xwejni biex iqassar il-ħin li dam ġo l-ilma kemm jista' jkun.

Hawnhekk ta' min isemmi wkoll x'qal Philip Skippon li ġie Malta fuq feluka bl-imqadef minn Sqallija fi żmien il-Granmastru Nikol Cottoner (1663 - 1680). Dan jgħid li huma u ġejjin, nofs triq bejn sema w ilma, tfaċċa Għawdex. Iżid li tista' tgħid it-triq kollha setgħu jaraw il-Munġbell u x-xtajta ta' Sqallija.

Fadal ħaġa oħra li jgħidilna Omeru u li twassalna biex ngħidu li Ulisse telaq minn hawn fuq ċattra li wasslitu fuq waħda mill-gżejjer Jonji minn fejn salpa għal Itaka, pajjiżu. Id-dea Kalipso qabel ħalla 'l Oġiġja, lil Ulisse qaltlu biex jekk irid jasal Itaka b'wiċċ il-ġid, kellu dejjem iżomm lill-Orsa Maġġura, li s-sajjieda tagħna jgħidula s-Siġġu, fuq ix-xellug, jiġifieri kellu jżomm rotta lejn il-Lvant, li għall-antiki kien ifisser ħafna aktar minn kif nifmuha llum. Dan għax il-Lvant kien ifisser in-naħa ta' fejn titla' x-xemx. Għalhekk fis-sajf kien ikun lejn il-Grigal u fix-xitwa lejn ix-Xlokk. La darba hu salpa minn Oġiġja fuq ċattra b'daqsxejn ta' qala', wieħed jista' jobsor li kien is-sajf, għax matul ix-xhur tax-xitwa l-anqas il-bastimenti ma kienu jsiefru, aħseb u ara fuq ċattra.

Għalhekk jekk Ulisse, fuq ċattra minn Għawdex, ġibed lejn fejn titla' x-xemx, ma setgħax jagħmel ħaġa oħra ħlief jispiċċa fejn spiċċa fuq waħda mill-gżejjer Jonji, li Omeru jsejħilha Skerja, gżira li sa minn żmien Kallimaku kienet miżmuma bħala Korfù.

L-istudjuż Franċiż, Victor Berard, li fl-1924 ħareġ tlett kotba bħala ntroduzzjoni għall-Odissea u fl-1929 ħamsa oħra fuq it-tbaħħir ta' Ulisse, kien tal-fehma li Omeru hu u jikteb l-Odissea kellu portulan Feniċju f'idejh. Jekk kellux portulan jew le, mhux la kemm tgħid, imma żgur li Omeru ta' bilfors li kellu tagħrif fuq il-Punent tal-Mediterran, l-iktar madwar Sqallija, ta' min jorbot fuqu. Forsi dan ġabu minn għand in-nies tal-baħar li hu setà jkollu fuq il-gżira ta' Hios. Dan it-tagħrif għandu x'jaqsam mad-direzzjoni ta' l-irjieħ biex tasal minn post għal ieħor u kemm il-jum trid biex tasal hemm.

B'xorti tajba nafu kemm Ulisse dam ġej mill-Far ta' Messina għal Oġiġja, u kemm dam biex wasal Skerja fuq ċattra minn Oġiġja u lejn fejn żamm biex wasal. Għalhekk, dwar Oġiġja, Omeru kellu tagħrif sod żgur.

Hekk ukoll Omeru kellu tagħrif fuq il-perikli li wieħed kien jistenna li jiltaqa' magħhom, l-iktar dawk li Victor Berard isemmi bħala s-seba' bibien tal-Punent tal-Mediterran. Dan l-awtur osserva li mill-għaxar avventuri ta' Ulisse, sebgħa minnhom ġraw f'dawn il-bibien. Għall-baħrin ta' 'l fuq minn tlett' elef sena ilu, bieb ma kienx xi kanal wiesa' tal-baħar, imma xi drabi mogħdija tassew dejqa. Ngħidu aħna l-passaġġ dejjaq bejn Stromboli u Strombolikkju, daqsxejn ta' blata, kien wieħed minn dawn il-bibien. Tant kienu qrib xulxin li Omeru jgħid li kienu jħabbtu ma xulxin. Biex jaħarbu n-nar, lava u ġebel tal-ħaffief nieżel mill-vulkan ta' Stromboli, il-baħrin imwerwrin għaddew sbrixx mal-blat ta' Strombolikkju.

Bieb ieħor kien bejn Sardinja u Korsika fejn hemm il-kalanka ta' Bonifaċju, jiġifieri port imdawwar minn kullimkien bi blat għoli. Hemmhekk, dejjem skond Bradford, il-ħdax-il xini li kellu Ulisse bil-baħrin b'kollox qerduhom il-Lestrigoni li xeħtulhom il-blat fuqhom mill-għoli. Ulisse ħelisa għax għażel li joqgħod barra.

Żewġ bibien oħra li xtaqt insemmi huma l-Istrett ta' Ġibilta' u l-Istrett ta' Messina. Ulisse għadda mill-Istrett ta' Ġibilta' biex imur fl-art tal-mejtin, post bħal Bufies, minn fejn ma jiġux nies. L-Istrett ta' Messina, fuq in-naħa ta' l-Italja kellu lil Xilla u fuq in-naħa ta' Sqallija lil Kariddi, milgħuba li tibla x-xwieni. Biex ħeles mill-milgħuba, Ulisse għażel li jitlef sitta miċ-ċorma li ħatfithom Xilla u kilithom. It-tieni darba biex ma jinbelgħax mal-prim u l-arblu, iddendel ma tina mxabbta fuq il-baħar.

Nistħajjilkom tgħiduli, x'periklu kien jinsab fih Ulisse f'Oġiġja. Ulisse kien ilu seba snin ma Kalipso, li riedet tiżżewġu u tagħmlu mmortali bħalha. Żwieġ mad-Dea u l-immortalità kienet tfisser li Ulisse kellu jmut biex jingħaqad ma' l-eroj immortali. Dan kien il-periklu, għax Ulisse ma riedx imut u ried jerġa' lura ħaj Itaka.

Ulisse sab ruħu fl-istess dilemma li kien Gilgamex meta Ixtar sejħitlu minn fuq is-sur tal-belt għaż-żwieġ sagru. Gilgamex fakkritu x'kien ġralu l-maħbub tagħha Tannuż li sab ruħu fl-art tal-mejtin u qalilha: "Le, grazzi!" u tgħidx kemm fakkarha fin-nittenirejiet tagħha!

### L-element mitoloġiku

Imma biex nifhmu sewwa l-istorja ta' l-Odissea, irridu nqisuha wkoll bħala parti mill-mitoloġija Griega. Kif jgħidilna l-mitologu Robert Graves, l-

istorja ta' l-aventura ta' bastiment fil-punent tal-Mediterran, hija wkoll l-istorja ta' re li għalaqlu ż-żmien tar-renju tiegħu, imma li ma riedx imut biex jagħmel il-wisa lil re ieħor. Ir-re suppost kien jinqatel fit-tlettax-il xahar tas-sena, imma biż-żmien dan il-perjodu bdew itawluh. Ir-re biex ma jinqatilx beda wkoll ipoġġi tifel fuq it-tron għal jum wieħed u kienu joqtlu lilu floku.

Fil-fehma ta' Robert Graves, iż-żewġ ismijiet ta' l-eroj ta' l-Odissea, jiġifieri Odissew u Ulisse, juru li hu kien wieħed minn dawn ir-rejiet imqaddsa. Dan għax "Odissew" tfisser "mgħaddab", u allura wiċċu kien aħmar nar, il-lewn ta' wiċċ ir-re sagru, filwaqt li "Ulisse" tfisser "ferut f'koxxtu bin-nejba ta' ċingjal (ħanżir selvaġġ)", li kien wieħed mill-metodi kif kien jinqatel ir-re. Ulisse kellu l-marka ta' din il-ferita f'koxxtu u dan kien ifisser li, wara li telqulu liċ-ċingjal biex joqtlu, hu baqa' ħaj.

Issa l-avventuri ta' Ulisse huma kollha attentati fuq ħajtu li hu dejjem irnexxielu jeħles minnhom, ukoll meta spiċċa waħdu mixħut għall-mewt fuq ir-ramla ta' Skerja, waħda mill-gżejjer Jonji.

Aspett ieħor mitoloġiku fl-Odissea huwa li l-postijiet fejn mar Ulisse kienu artijiet jew gżejjer jew għerien tal-mewt. L-Art ta' l-Imwiet, l-imraġġ tal-berwieq, 'l hinn mill-Istrett ta' Ġibilta', kull min mar fiha ma reġax lura. Fl-ewwel post li mar, Ġirba, min kien jiekol il-lotu, il-frott ta' dik il-gżira, kien jispiċċa biex jinsa kollox u ma jmurx lura pajjiżu. Fost il-gżejjer tal-mewt insemmi wkoll il-gżira ta' Ċirċe, Ajaja, li bil-Grieg tfisser "tinwiħ", fejn kull min kien jirfes kien jinbidel f'ħanżir, simbolu tad-Dea tal-mewt. Hemm ukoll il-gżira tas-Sireni, fejn kull min kien jersaq lejha kien imut. Fost l-għerien insibu l-għar taċ-Ċiklopi, fejn kull min kien jidħol ma kienx joħroġ ħaj. Oġiġja mhux biss hi gżira tal-mewt, imma d-Dea tagħha, Kalipso, kienet tgħix f'għar kbir jew mixta. "Kalipso" tfisser "moħbija", u kienet Dea tal-Mewt, wieħed mill-attributi tad-Dea Omm ta' qabel daħlu l-allat irġiel tal-Griegi. Din kienet tilqa' lill-mejtin fil-għar, simbolu ta' ġufha, fejn il-mejjet kien jistenna t-twelid mill-ġdid. Xhieda ta' dan għaż-żmien neolitiku, għandna l-ipoġew ta' Ħal Saflieni u x-Xagħra għandna l-ipoġew tal-Qaċċa. U l-mejtin baqgħu jidfnuhom fl-għerien sa żmien il-katakombi.

## Is-siġar u l-ħxejjex ta' Kalipso, simboli tal-mewt

Mhux biss il-gżejjer u l-għerien huma postijiet ta' l-imwiet, imma l-fjuri, il-ħxejjex u s-siġar li jissemmew li qegħdin Oġiġja huma simboli tal-mewt. Għalhekk meta Patrick Brydone ma ra xejn mill-għelieqi jħaddru mimlija fjuri u mis-siġar għoljin kollha nwar, hu ħass li ma jistax jemmen li dak il-fdal miskin iħares fuq ir-Ramla kien darba l-għar ta' Kalipso. Ma kienx jagħmel hekk kieku għaddielu minn moħħu li dawk is-siġar, ħxejjex, fjuri u magħhom ukoll l-għasafar li jsemmi Omeru huma kollha simboli tal-mewt. Hekk ukoll aħna, meta nagħtu titwila lejn il-mixta ta' Kalipso ma għandniex nistagħġbu li ma nsibu tista tgħid xejn minn dak li jsemmi Omeru, avolja dawn wieħed isibhom fil-pajjiżi tal-Mediterran u ħafna minnhom għadek issibhom ukoll Malta u Għawdex.

Nieħdu t-tursin, li jħobb jikber għad-dell tas-siġar qalb il-blat taħt is-sisien, u hu wieħed mis-simboli tal-vistu. Pietru Pawl Castagna jgħid li min jaqla' zokk ta' tursina u jħawlu jmutulu ommu u missieru matul is-sena. Il-Greċja, wara ħafna mwiet li sofriet matul il-gwerra tas-sena 480 Q.K. mal-Persja, flok kuruni taż-żebbuġ fil-logħob, bdew jagħmluhom tat-tursin, b'sinjal ta' vistu. Kien hawn min jemmen li t-tursin risqu ħażin, għax kien iġiegħel mara tqila tarmi. U l-Ingliżi jgħidu li fil-ġnien tal-kornut, it-tursin jikber kotran.

Fl-imraġ imsoqqija b'erba' għejun, barra t-tursin kien jikber ukoll il-fjurduliż. Din il-fjura dari kont issibha x-Xagħra tikber għeġġa għeġġa fl-irqajja' tal-ħamri fix-xagħri. Illum qiegħed fil-periklu li jinqered. Il-fjurduliż ukoll hu fjura tal-mewt. Kienu jħawluh fiċ-ċimiterji. Jien niftakru jikber fiċ-ċimiterju ta' l-Ingliżi, Xambre'.

Fost is-siġar, nieħdu ċ-ċipress, li kulħadd jaf li hu s-siġar taċ-ċimiterji. Mhux hekk biss, imma mill-injam tiegħu kienu jagħmlu t-twiebet. Jissemma wkoll ir-raħħan, li l-Maltin kienu jgħidulu siġret il-għaża, voldieri s-siġra tal-vistu. Billi dari kull qamar kellu s-siġra tiegħu, ir-raħħan kien jaħbat is-siġra tat-tlettax-il qamar, meta r-re li kien isaltan għal ġurnata biss, kienu joqtluh f'tiġrija tal-karrijiet billi kienu jaqilgħulu l-musmar tar-rota.

Hekk ukoll it-tajr li jissemma hu simbolu tal-mewt, avolja billi l-għar kien jagħti għall-baħar u Omeru jgħid li xogħol l-għasafar kien fuq il-baħar. Filwaqt li ċ-ċawl ta' saqajh ħomor kien tajr ta' Kronu, l-alla tal-mewt, il-kokka u l-arpa kienu tajr ta' Kalipso, id-Dea l-moħbija tal-mewt.

Għalhekk wieħed m'għandux jinkwieta jekk forsi xi siġar jew tajr li jissemma fl-Odissea m'għadekx tarahom b'nemes hawn. L-ewwel nett, tlett' elef sena ilu ma nafux kif kienu l-affarijiet, u t-tieni nett, imħabba t-tifsir simboliku li għandhom, ma jfissirx li bilfors kellhom jikbru jew ibejtu hawn biex il-gżira ta' Kalipso tkun Għawdex.

M'hemm l-ebda dubju li Malta u Għawdex kien hawn il-kult tal-mejtin u li d-dea tagħhom kellha l-qima tal-poplu, kemm fiż-żmien neolitiku u kemm fiż-żmenijiet li ġew wara. Biżżejjed inħarsu lejn Tas-Silġ, fejn id-Dea Omm, b'ismijiet li jitbiddlu skond iż-żmien, baqgħet meqjuma sa ma l-maqdes tagħha qerduh l-Għarab.